MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2010

Numru 1112/2009

Il-Pulizija
(Spettur Edmond Cuschieri)

vs

Thomas Sant

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 114888M, akkuzat talli fis-dsatax ta’ Awissu 2009:

1. F’xi hin matul il-gurnata gewwa l-Mosta xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat (cash link card).
2. fl-istess data izda f’diversi hinijiet u postijiet differenti gewwa l-Mosta kkommetta serq bl-istess Cash link Card li jammonta ghal 327.18 Ewro liema serq huwa aggravat bil-

valur ta’ aktar minn 232.94 Ewro izda anqas minn 2562.31 Ewro ghad-dannu ta’ Rita Tonna u tal-BOV (art 267).
3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat fuq akkont ta’ terzi persuni b’falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holloq pattijiet, diposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li kienu ffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioè l-cashlink card tal-BOV u dan bi ksur tal-artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
4. fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann jew billi wera haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, ghamel qliegh ta’ 327.18 Ewro ghad-dannu ta’ Rita Tonna u tal-BOV u dan bi ksur tal-artikolu 308 tal-Kap 9.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuza fl-liema ammissjoni hu insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq tali ammissjoni li hi wahda volontarja u inkondizjonata ssibu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.
Tiddikjara l-ewwel akkuza in alternattiva ghat-tieni.

Rat l-Artikolu 261(b), 183, 308, u 17 tal-Kap 9;

Rat il-fedina penali netta;

Ikkonsidrat l-eta’ tal-imputat;

Issibu hati izda ghal din id-darba tiddeciedi li tapplika kontra tieghu l-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sena u tilliberah bil-kundizzjoni li l-imputat ma jaghmilx reat iehor fl-imsemmi perjodu ta’ sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------